MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2008

Talba Numru. 386/2008

Bank of Valletta p.l.c. (C2833).

Vs

Alfred Deguara (Id. 539747M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' elfejn, sitt mija u tlett Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€2603.48) ekwivalenti ghal Lm1,117.67, minghand il-konvenut, rapprezentanti bilanc ghad-debitu fil-'Loan Account' tieghu stess mal-bank attrici, flimkien ma l-imghax ulterjuri mill-15 ta' Mejju 2008, sal-jum tal-pagament effettiv, u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 28 ta' Frar 2008 u tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat kontestwalment ma din il-kawza.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' elfejn, sitt mija u tlett Ewro u tmienja u erbghin centezmu (€2603.48), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.  L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz, ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------